


IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 34 - **LULJU 2015**


# editorjal

Aktar dwar id-dekadenza tal-kelma llum, din id-darba mill-pinna tal-filosofu u kritiku letterarju Franċiż, George Steiner: "Our words seem tired and shopworn. They are no longer charged with their original innocence or with the power of revelation […] And because they are weary, words no longer seen prepared to assume the burden of new meaning and plurality […] we add to our technological vocabulary by joining together used scraps […] We no longer fuse the raw materials of speech into new glory […]" U dan qalu fl-1961 meta ppubblika l-ktieb *The Death of Tragedy*, mhux illum! Steiner ikompli hekk, "Sociologists, mass-media experts, the writers of soap operas and politicians' speeches, and teachers of 'creative writing' are the gravediggers of the word […] The political inhumanity of our time, moreover, has demeaned and brutalized language beyond any precedent […] Because they have been used to such base ends, words no longer give their full yield of meaning. And because they assail us in such vast, strident numbers, we no longer give them careful hearing. Each day we sup our fill of horrors - in the newspaper, on the television screen, or the radio - and thus we grow insensible to fresh outrage. This numbness has a crucial bearing on the possibility of tragic style." (pp. 314-315) Lili dan id-diskors ifakkarni fil-paroli żejjed u fieragħ li jsir waqt programmi differenti fuq it-televiżjoni u r-radju lokali, fl-aħbarijiet imdemma li qed naraw dan l-aħħar fuq il-*media*, u anki f'ċerti episodji xejn sbieħ li rajna waqt is-seduti tal-Parlament.

Dan hu suġġett li Steiner ikompli jelabora dwaru f'*Language and Silence* tal-1967. Meta jirreferi għan-

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *L-Intervista* | **7** |
| *Ktieb mill-qrib* | **10** |
| *Ir-rakkont* | **12** |
| *Ritratt* | **14** |
| *Il-Poeżiji* | **16** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **18** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **19** |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

Nażiżmu jikteb: “what political bestiality and falsehood can make of a language when the latter has been severed from the roots of moral and emotional life, when it has become ossified with clichés, unexamined definitions, and left-over words.” (p. 47) Dan faċilment japplika għal-lingwaġġ tal-mass-medja u tal-pubbliċità llum, imma anki għal dak użat minn għadd ta’ politikanti - mhux politiċi - li huma kampjuni tar-retorika u tal-manipulazzjoni tal-imħuħ dgħajfa. Steiner juża l-frażi “the new illiteracy” (li jissellef mingħand R.P. Blackmur) - lili tfakkarni fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum: dik li, nirrepeti, minkejja li niftaħru li aħna poplu edukat u istruwit, mgħobbijin b’ċertifikati u diplomi ta’ kull tip maħruġin minn bosta “istituzzjonijiet” apposta, xorta waħda nibqgħu niġu mmanipulati mid-diskorsi artifiċjali u ipokriti tal-politikanti, tal-pubbliċisti u tal-psewdo-ġurnalisti jew psewdo-preżentaturi-xandara ħielsa. Xorta waħda ma nifhmux il-piż tal-kelma u ninħakmu mill-bżonn li ngħidu xi ħaġa, insemmgħu leħinna, u nesprimu l-"opinjoni" tagħna.

Bla ma naf, dan kollu jfakkarni wkoll fil-"ġlieda" (miftuħa?) tat-tfal illum (jew diġà ilha ħafna) dwar kif se jgħaddu l-ħin tagħhom: jekk hux jaraw il-*cartoons* grotteski Amerikani u jisimgħu l-*islang* Amerikan li mbagħad iħaddmuh wkoll fil-ħajja ta’ kuljum biex bħal mingħalihom jimpressjonaw, jew jekk hux jaqraw ktieb sura miktub b’idjoma korretta? Hemm ukoll is-suċċess ta’ ċerti serje ta’ kotba jew stejjer-komiks li jridu jgħaddu bħala letteratura valida għat-tfal, imma fil-fatt ma jgħinux ħafna, anki għax huma miżgħuda b’psewdo-Ingliż (għax fil-fatt hu Amerikan) li mhu xejn ħlief eżempju ħażin ta’ kif għandha titħaddem lingwa bħal din.

EDITORJAL

L-Amerikaniżmu ħakimna mhux biss permezz tal-*ħamburger*, tal-*waffle* u tal-*Americano*, imma b’mod ħafna iktar sottili minn hekk. Biex ma nsemmux ir-retorika, il-maskri, il-metodoloġiji, li qed iħaddmu u jilbsu numru ta’ politiċi lokali huma u jindirizzaw lill-poplu.

Mis-sit tal-Akkademja tal-Malti. Dalwaqt tkun f'idejn l-imsieħba tal-Akkademja ħarġa oħra ta’ “Il-Malti”, ħarġa akkademika 2015. F'din il-ħarġa se nsibu dawn l-istudji: "Ġużè Ellul Mercer: vuċi u spalla għar-ruħ fi kriżi" ta' Olivia Borg; "Il-ġens grammatikali fil-Malti f'kuntest tipoloġiku u psikolingwistiku" ta' Dr George Farrugia; "Il-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?"; "il-pronunzju tas-suffiss pronominali '-aha': studju soċjolingwistiku" ta' Christina Sammut; "L-arti satirika fin-novelli ta' Juann Mamo: minn realtà storika sa frattarija ta' perspettivi" ta' Dr Bernard Micallef u "L-Akkademja matul is-snin... (2009-2013)" ta' Joseph P. Borg. Il-qoxra: "Sejjieħ" ta' Rita Saliba. Medja mħallta fuq tila, 2011. Il-membri aġġornati fil-miżata tagħhom se jirċievu dan l-għadd fil-jiem li ġejjin. "Il-Malti" jista' jinkiseb ukoll mingħand il-Klabb Kotba Maltin (Midsea Books Ltd), 68, Triq il-Karmelitani, Santa Venera.

Ta’ min iżid jgħid li min-naħa tagħha l-Għaqda tal-Malti Università wkoll qed taħdem fuq il-ħarġa li jmiss tar-rivista tagħha “Leħen il-Malti” li fiha wieħed se jkun jista’ jaqra bħal dejjem poeżiji, kitbiet ta’ natura narrattiva u anki studji ta’ natura akkademika. Minn hawn nifirħu lil kull min jagħti daqqa t’id biex pubblikazzjonijiet bħal dawn isiru realtà. Huma inizzjattivi li jirrikjedu ħafna enerġija, ħin u kollaborazzjoni ta’ persuni differenti.

Nawguraw ukoll lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li għadu kemm ħabbar li ħarġet il-lista uffiċċjali tal-kotba li ser jipparteċipaw fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 kif wkoll fil-Premju *Terramaxka* 2015. Qed jieħdu sehem 153 pubblikazzjoniji fil-kategoriji rispettivi (7 b’kollox) kif ġew approvati mill-bord tal-aġġudikazzjoni appuntat. Din hija l-ewwel sena tal-Premju *Terramaxka* 2015 u fih jiġbor l-kategoriji kollha tal-Premju għall-xogħlijiet oriġinali kif wkoll traduzzjonijiet ta’ xogħlijiet letterarji immirati lejn it-tfal u adolexxenti. Il-proċess ta’ aġġudikazzjoni diġà beda u aktar tard din is-sena toħroġ pubblika l-lista ta’ kotba li jgħaddu għall-fażi finali.

# l-aħbarijiet

**IMUT IL-KRITIKU LETTERARJU M.H. ABRAMS**

Fil-21 ta' April li għadda miet ta' mija u sentejn f'Ithaca, New York, il-kritiku li biddel l-istudju tar-Romantiċiżmu permezz ta' kotba bħal *The Mirror and the Lamp: Romantic Theory and the Critical Tradition* (1953) u *Natural Supernaturalism: Tradition and Revolution in Romantic Literature* (1971), u kien fost l-edituri li ħadmu fuq l-ewwel seba' edizzjonijiet ta' *The Norton Anthology of English Literature* (1962) li biegħet iktar minn 8 miljun kopja sal-2006. Huwa għallem għal 40 sena fl-Università ta' Cornell. Meyer Howard Abrams twieled fit-23 ta' Lulju 1912 f'Long Branch, New Jersey. Attenda L-Università ta' Harvard fejn iggradwa b'B.A. fl-Ingliż bit-teżi *The Milk Paradise: The Effect of Opium Visions on the Works of De Quincey, Crabbe, Francis Thompson and Coleridge*, li ġiet ippubblikata mill-istess Università fl-istess sena, l-1934. Sal-1940 kien kiseb il-Ph.D. minn Harvard. Kotba oħra tiegħu huma: *A Glossary of Literary Terms* (1957), *The Correspondent Breeze: Essays on English Romanticism* (1984), u *Doing Things with Texts: Essays in Criticism and Critical Theory* (1989).



**Il-kritiku Meyer Howard Abrams**

**TAĦDITA MIS-SOĊJETÀ ARKEOLOĠIKA MALTIJA**

Nhar l-20 ta' Mejju l-Prof. Jeremy Johns, Professur tal-Arti u l-Arkeoloġija tal-Mediterran Iżlamiku, Direttur tal-Khalili Research Centre for the Art and Material Culture of the Middle East, fi ħdan l-Università ta' Oxford u Msieħeb tal-Wolfson College, f'kollaborazzjoni mas-Soċjetà Arkeoloġika Maltija, ta taħdita bl-isem ta' "A new Latin-Arabic document for Malta and Gozo (Queen Constance, November 1198) and the history of the Maltese archipelago from the 7th to the 13th centuries". Dan seħħ fl-Aula Magna tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta. Iktar minn 10 snin ilu l-Prof. Jeremy Johns kien ħabbar il-pubblikazzjoni imminenti ta' edizzjoni u studju tad-dokument Latin-Għarbi li f'Novembru 1198 l-Imperatriċi Kostanza kienet indirizzat lill-poplu tal-gżejjer Maltin, magħmul kemm minn Insara kif ukoll minn Musulmani. Dan l-istudju se jidher finalment aktar tard din is-sena f'*The heritage of learning: Arabic and Islamic studies dedicated to Wadad al-Qadi* (Chicago University Press, 2015). Dan id-dokument se jixħet dawl ġdid fuq il-gżejjer Maltin fi żmien in-Normanni.

Il-Prof John introduċa wkoll publikazzjoni ġdida oħra: l-istudju ta' Marc Lauxtermann, Professur tal-Lingwa u Letteratura Biżantina u Grieg Modern fi ħdan l-Università ta' Oxford, tal-poeżija anonima Griega indirizzata lil Ġorġ ta' Antijoku, li kienet ippubblikata fl-2010 minn J. Busuttil, S. Fiorini and H.C.R. Vella bit-titlu *Tristia ex Melitogaudo*.



**Il-Professur Jeremy Johns**

**TAĦDITA PUBBLIKA DWAR L-ISMIJIET TAL-WIDIEN F'MALTA**

Nhar il-25 ta' Mejju 2015, ir-Ramblers Association (Malta) organizzat taħdita pubblika bil-Malti bl-isem ta' "L-Ismijiet tal-Widien f'Malta: xi kurżitajiet ambjentali u lingwistiċi", li saret minn Simon Salafia f'Dar l-Ewropa, fil-Belt Valletta.

# l-aħbarijiet

**LOUISE GLÜCK MOGĦTIJA L-MEDALJA TAD-DEHEB GĦALL-POEŻIJA**

F'Mejju 2015 Louise Glück, professur tal-Ingliż u *Rosenkranz Writer in Residence*, rebħet il-Medalja tad-Deheb għall-Poeżija mogħtija mill-*American Academy of Arts and Letters* (AAAL) – wieħed mill-ogħla unuri fil-qasam tal-kultura Amerikana. Glück, li hija l-editriċi tal-*Yale Series of Younger Poets 2003-2010*, hija l-awtriċi ta' 10 kotba tal-poeżija. Rebħet il-Premju Pulitzer, il-Premju *National Book Critics Circle*, u l-Premju Bollingen mill-Università ta' Yale għall-poeżija tagħha. Rebħet ukoll il-Premju PEN/ Martha Albrand għall-katergorija ta' kotba mhux mistħajla. Il-ktieb tagħha *Vita Nova* rebaħ il-Premju *New Yorker Readers*. Fl-2014 hija rċeviet in-*National Book Award* għall-ġabra poetika tagħha *Faithful and Virtuous Night*. L-AAAL ilha tagħti medalji tad-deheb f'oqsma differenti tal-arti sa mill-1909. Ġiet imwaqqfa fl-1898 biex "tieħu ħsieb, tgħin u ssostni l-interess fil-letteratura, il-mużika u l-arti", hija rikonoxxuta mill-Kungress Amerikan, u kull sena ttella' wirjiet tal-arti, arkitettura u manuskritti, u tissussidja lejliet ta' poeżija u preżentazzjonijiet mużikali. Fost ir-rebbieħa ta' dan l-unur fl-imgħoddi hemm John Updike, Harold Bloom, Leonard Bernstein, Robert Frost, u Edith Wharton.



Louise Glück

**IMUT IL-PROFESSUR GODFREY WETTINGER**

Nhar it-22 ta' Mejju 2015 ħalla din id-dinja l-Professur tal-Istorja Godfrey Wettinger, fl-età ta' 85 sena. Huwa twieled il-Mosta fit-22 ta' Diċembru tal-1929, irċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo u fil-Kulleġġ ta' St. Michael. Għallem fl-iskejjel tal-Primarja, fil-Liċeo u fil-Junior College. Kiseb id-Dottorat fl-1971 u għallem fl-Università ta' Malta mill-1972 'il quddiem. Hemmhekk qeda bosta rwoli matul is-snin. Għadda perijodi twal jirriċerka f'Londra, Oxford, Palermo u postijiet oħrajn. Kien fost il-fundaturi (1951) tal-ġurnal storiku "Melita Historica", u għamel xi żmien President tas-Soċjetà Storika Maltija. Fl-1996 inħatar Membru tal-Ordni tal-Mertu (MOM). Ismu jibqa' marbut anki mal-ħidma tiegħu f'rabta mal-ilsien Malti u tefa' dawl fuq l-ewwel kelliema tiegħu meta kiteb il-ġrajja tal-Għarab f'Malta. Wettinger studja l-ismijiet tal-inħawi u ġabar 6,000 minnhom, wera li ħafna kienu ismijiet proprji ta' kelliema Għarab, studja l-laqmijiet medjevali u l-oriġini tal-kunjomijiet Maltin, imma fuq kollox fl-1966 sab fl-Arkivji Nazzjonali fil-Belt Valletta l-*Kantilena* ma' Patri Mikiel Fsadni u biha fetaħ it-triq għall-istorja tal-ilsien Malti. Jistrieħ fis-sliem.



Il-Professur Godfrey Wettinger

**IMĦABBRA R-REBBIEĦA TAL-*GRIFFIN POETRY PRIZE 2015***

Fil-bidu ta' Ġunju li għadda ġew imħabbra r-rebbieħa Internazzjonali u Kanadiżi ta' dan il-premju tal-poeżija prestiġjuż. Ix-xogħlijiet rebbieħa huma *The Stairwell* ta' Michael Longley u *Blue Sonoma* ta' Jane Munro rispettivament. Huma rċevew 65 elf dollar Kanadiż fi flus. Il-*Griffin Poetry Prize* twaqqaf fl-2000 biex jinkuraġġixxi l-eċċellenza fil-poeżija u huwa mmirat għal dawk l-ewwel edizzjonijiet tal-kotba tal-poeżija miktubin bl-Ingliż, jew maqlubin fl-Ingliż, u li jistgħu jiġu mill-erba' rkejjen tad-dinja. Il-Ġurija għal din is-sena kienet magħmula minn Timothy Bowling (Kanada), Fanny Howe (Stati Uniti),

# l-aħbarijiet

u Piotr Sommer (Polonja). Kull wieħed minn dawn il-kittieba u poeti distinti qraw 560 ktieb ta' poeżija li waslu minn 42 pajjiż differenti mid-dinja kollha, inklużi 24 traduzzjoni. Il-lista aħħarija ta' dawk magħżula għall-*Griffin Poetry Prize 2015* kienet magħmula minn erba' ġabriet ta' poeti internazzjonali (inklużi traduzzjonijiet miċ-Ċiniż u mill-Pollakk) u tliet ġabriet ta' poeti Kanadiżi. Il-ktieb *The Griffin Poetry Prize Anthology: A Selection of the 2015 Shortlist*, editjat minn Tim Bowling u ppubblikat mill-House of Anansi Press, jinsab għall-bejgħ anki *online*. Id-dħul mill-antoloġiji li huma ppubblikati kull sena jmur għall-Jum Dinji tal-Poeżija tal-UNESCO li nħoloq biex iberraħ id-diversità lingwistika permezz tal-espressjoni poetika u biex joffri lil ilsna f'periklu l-opportunità li jinstemgħu. Ta' min jgħid li Malta pparteċipat f'dan il-premju prestiġjuż permezz tal-ġabra poetika *In Her Element* ta' Therese Pace, ippubblikat mill-Faraxa Publications.



Jane Munro, Scott Griffin u Michael Longley

**LEJLA TA' MUŻIKA U LETTERATURA F'BIRKIRKARA**

Nhar is-6 ta' Ġunju 2015, biswit il-Knisja tal-Vitorja, f'Birkirkara, ittellgħet Lejla ta' Mużika u Letteratura li matulha ħadu sehem kittieba u poeti bħal Ġorġ Peresso, Tarcisio Zarb, Therese Pace, Anton Grasso, Charles B. Spiteri, Dr. Tonio Borg, Philip Borg, Wayne Farrugia, Ninu Borg, Charles Mifsud u Patri Angelo Mamo. Il-kantanti u mużiċisti li ħadu sehem kienu Doriana Vella, Roberta Mallia, Joseph Gauci, Elena Muscat u Destiny Chukunyere. Il-produzzjoni kienet ta' Terry Muscat, il-preżentazzjoni saret minn Maria Mintoff u d-direzzjoni teknika kienet afdata lil Mario Fenech. Okkażjoni bħal din saret f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Din il-lejla kienet parti minn attività ikbar imsejħa "Birkirkara fil-bidu tas-seklu Għoxrin". Kienet lejla fejn wieħed seta' jisma' dwar drawwiet antiki, folklor, praspar irrakkuntat minn nies differenti, u esperjenzi tas-seklu l-ieħor li kollox kien jolqot lil Birkirkara.




**TNEDIJA TA' ĠABRA TA' POEŻIJI ALTERNATTIVA MILL-HORIZONS**

Nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2015 saret it-tnedija tal-ktieb *MALTA POEMA VIŻIVA* ta' Victor Fenech - KtiebStilĠdid f'Sena ta' Anniversarji. Is-serata kienet organizzata mill-Akkademja tal-Malti flimkien ma' Poeżijaplus bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti. L-avveniment seħħ f''Casa Scaglia', Triq Mikiel Anton Vassalli, il-Belt.

**L-AĦĦAR ENĊIKLIKA TAL-PAPA MAQLUBA GĦALL-MALTI**

Ġiet ippubblikata minn Reliġjon u Ħajja l-*Laudato Si' [Tkun Imfaħħar] Ittra Enċiklika tal-Qdusija tiegħu Franġisku dwar l-Għożża tad-Dar Komuni*. Din l-enċiklika hi miġjuba għall-Malti mit-Taljan minn Francesco Pio Attard. Taw l-għajnuna tagħhom Joe Farrugia, Prof. Paul Pace, Rev. Prof. Hector M. Scerri, Lucy Sciberras, u Rev. Eddie Zammit .

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand Narcy Calamatta, it-2 ta' Ġunju 2015**

Għażiż Patrick,

Ħajr ta' IL-PONT u x-xogħol siewi li qed iwassal. Naqbel li l-qari tal-poeżija għandu jkun mgħallem fiċ-ċokon fl-iskejjel. Niftakar darba Anton Buttigieg tani naqralu ballata bit-Taljan fuq ir-radju. Jien ħassejt li dik il-kantaliena kienet banali u ppruvajt naqraha bil-loġika ta' avukat difensur. Tgħidx kemm kien akkużani li rvinajtlu l-ballata. Ħadd qatt ma kien għallimni naqra poeżija. Ma naqbilx li jinsab ħin fit-*time table* biex tiġi studjata l-poeżija. L-għalliema għandhom ikollhom il-kultura li tħeġġiġhom jużaw il-poeżija, u testi klassiċi kif ukoll il-Mitoloġija Griega jsiru ħaġa waħda mid-diskors tagħhom ta' kuljum. Il-matematika u x-xjenzi wkoll jistgħu jiġu mgħallma bis-saħħa tal-klassiċi.

Tal-aħħar: kemm nixtieq xi ħadd jikteb teżi tal-M.A. fuq il-kitba għat-teatru ta' Ġino Muscat Azzopardi li għalija kien GBS ta' Malta.

Sliem
Narcy

**E-mail mingħand Paul P. Borg, il-5 ta' Ġunju 2015**

Bonġu u grazzi bħal dejjem ta' IL-PONT ta' Ġunju Patrick.



Kif qaltlek Lina Brockdorff, ikun fih tassew x'taqra u tieħu ħin biex taqra kollox aħseb u ara l-ħin biex tikkumpilah! Xogħol ta' bniedem waħdu bħallikieku biċċa ħsieb u xogħol ikkumpilat minn xi għaqda! Min iħobb il-letteratura jkun jistenna xi ħaġa ġejja regolarment li twassal l-aħbarijiet u tagħrifiet dwar dak li qed jiġri. U magħdud ukoll xi kitbiet ta' awturi oħrajn.

Xi darba ikteb kelmtejn fuq ħaġa li lili tħassibni ħafna: dik li lill-kittieba xjuħ, iħossuhom abbandunati minn kulħadd! Sakemm kienu jippubblikaw u jattendu laqgħat, kienu dejjem imdawrin bi ħbieb, imma malli jkollhom jingħalqu ġewwa minħabba saħħithom, donnu kulħadd jinsihom!

Min jaf kemm-il darba żort lil Ġorġ Pisani Għawdex, li kien jibki malli jarani, kien ikun aktarx wara t-tieqa donnu jistenna li jitfaċċa xi ħadd minn tal-linja. U kien jgħidli ċar u tond, kemm ma kinux jixirfulu kittieba. L-istess Ġużè Chetcuti f'Tas-Sliema: kont inżuru sikwit, ngħidlu, 'X'hemm Ġuż, kif inti?', u nqattgħu siegħa u nitlaq lil hemm. Ġużè Aquilina u Kilin għaddew mill-istess esperjenza. Għad għandi rrekordjat l-aħħar appelli mqanqlin ta' wħud minnhom ftit qabel ħallewna. Is-sens ta' abbandun u nuqqas ta' apprezzament ikun jinħass aktar meta l-kittieb xiħ, ikun rikoverat f'dar tax-xjuħ. Kittieb li fakkartni fih li miet dal-aħħar, Manwel F. Attard, kien l-Imgieret imma ftit kienu dawk li konna nixirfulu kemm dam hemmhekk miskin! Ma naħsibx li kittieb żagħżugħ għandu jinsa lil dawk li ġew qablu; għandu jkun apprezzat li b'dak li kienu jafu meta kienu b'saħħithom, kienu bnew huma wkoll biċċa mill-binja tal-Letteratura tagħna. Meta nsiefer ġieli nara kif nagħmel immur fuq qabar ta' xi kittieb magħruf. Nitgħaxxaq nara kemm ġnus oħrajn jibqgħu jqimu lil dawk il-kittieba anki wara mewthom! Meta miet Carmel Attard mhux żgur kien hemm ħames kittieba jsellmulu għall-aħħar darba. Meta miet Manwel F. Attard, l-istess.

Minjaf? Ġa tkellimt kemm-il darba dwar dan, imma minjaf ikunx possibbli li anki l-Akkademja tal-Malti torganizza b'mod regolari żjarat ta' apprezzament lil dawn il-kittieba? Din ukoll hi turija ta' qima lill-Ilsien Malti, billi nirrispettaw u napprezzaw lill-ħaddiema li bnewh!

Tislijiet.
Paul P. Borg

# Pierre J. Mejlak




*Pierre J. Mejlak twieled f'Għawdex fl-1982. Kiteb kotba għat-tfal, rumanz u żewġ ġabriet ta' stejjer qosra. Għal kitbietu huwa ngħata l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ħames darbiet. Il-ktieb tiegħu* Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid *rebaħ il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura fl-2014 u ġie ppubblikat bl-Ingliż sena wara. Bin-novella "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" huwa rebaħ il-Premju Ewropew "Sea of Words". Il-kitbiet tiegħu ġew tradotti f'bosta lingwi u ppubblikati, fost l-oħrajn, minn WW Norton u Words Without Borders.*

**Minn fejn beda l-interess tiegħek għall-kitba? Kemm kien importanti l-qari qabel ma bdejt tikteb?**

Bl-istess mod kif mużiċist probabbli jkun ġa nħabb mal-mużika qabel qabad strument f'idejh, naħseb kont ġa tħabbibt mal-kitba qabel ma bdejt nipprova nikteb. Tħabbibt mal-kitba bil-gost li tawni ħafna kotba fi tfuliti. Għax minkejja li dejjem kelli ħafna ħbieb, il-pjaċir li tani l-qari ftit sibtu bnadi oħra. U għalhekk l-ewwel professjonisti li ammirajt f'ħajti ma kinux l-astronawti, it-tobba jew l-atleti. Kienu l-kittieba, li kellhom il-qawwa maġika li b'għadd ta' kliem marsus bejn żewġt iqxur joħolqu dinja li stajt tintilef fiha. Il-qari, għalhekk, kien fundamentali biex nitħajjar nikteb. Kien grazzi għall-kotba li sa minn ċkuniti bdiet titnissel fija x-xewqa – u xi ftit anke l-prużunzjoni - li xi darba anke jien nasal li nkun kapaċi noħloq storja li tagħti gost lil qarrejja oħra. B'dan il-ħsieb, ta' 14-il sena qattajt sajf nikteb avventura ċkejkna għat-tfal, li eventwalment ħarġet bħala ktieb. U komplejt nikteb.

**Kemm f'*Riħ Isfel* kif ukoll f'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* inti jirnexxilek tinseġ rispettivament rumanz qasir b'nisġa u lingwaġġ miktub b'sengħa, u rakkonti ħelwin li jiżolqu minn kelma għal ta' warajha, minn sentenza għal oħra u minn paragrafu għal ieħor bla ebda tbatija ta' xejn. Minn fejn ġejja din l-imħabba lejn il-kitba b'Malti raffinat? Hemm xi kittieba partikolari li għenuk jew ispirawk bil-kitbiet tagħhom?**

Il-Malti li nuża f'kitbieti hu l-Malti li nkellem lili nnifsi bih, huwa l-Malti li kellmuni bih fi tfuliti, il-Malti li naf. Huwa wkoll il-Malti li qrajt sa minn età żgħira, mill-kotba ta' Trevor Żahra sal-kitba ta' wieħed mill-aqwa għalliema li qatt kelli, Anton Mercieca. Madankollu nistqarr li sibt il-vuċi tiegħi bħala kittieb meta emigrajt fl-2004. Il-kitba bil-Malti kienet saret qisha eżerċizzju ta' djalogu miegħi nnifsi. Forsi hemm tassew intbaħt kemm hu sabiħ u rikk il-Malti.

**F'*Riħ Isfel* laqatni ħafna l-użu eċċellenti tas-similitudnijiet li huma varji, u oriġinali ħafna. Dan tagħmlu konxjament jew inkonxjament meta tkun qed tikteb? X'effett tixtieq toħloq permezz tas-similitudnijiet fil-kitba tiegħek?**

Meta nkun irrid niddeskrivi xi ħaġa, ġeneralment nagħlaq għajnejja, nimmaġinaha, u nikteb dwar kif tkun dehritli. Dan dejjem dehrli l-isbaħ metodu kif lill-qarrej turih dak li għandek f'moħħok. Hekk, pereżempju, iċ-ċmieni fuq il-bjut jidhru qishom qsari maqlubin rashom 'l isfel, u tliet pari żraben bojod u suwed Asics - filliera abbatini. Iżjed milli biex joħolqu xi effett partikolari, is-similitudnijiet nixtieqhom jaħdmu billi jgħinu lill-qarrej jimmaġina x-xena kif nixtiequ jimmaġinaha. Mhux dejjem ikun hemm bżonnhom. Kultant hemm dettalji li ma nħossx li għandi nidħol fihom jew, saħansitra, nippreferi lill-qarrej jimmaġinahom kif jixtieq hu. Jekk qed nitkellem dwar kċina normali f'appartament, m'hemmx għalfejn niddeskriviha għax il-qarrej jista' jimmaġinaha waħdu. Jekk il-kċina, però, miżbugħa safra, qisha pompa tal-petrol, dik irrid nispjegaha b'xi mod għax abbli hemm raġuni għaliha u l-qarrej jeħtieġlu jimmaġinaha kif qed naraha jien.

**F'dan l-ewwel rumanz tiegħek inti tidħol tajjeb ferm fil-kultura, tradizzjonijiet, mod kif jitkellmu, jaħsbu u jġibu ruħhom in-nies tar-raħal. Tikxef it-tajjeb u l-ħażin (fosthom, il-qirda tal-għelieqi u l-flus li ġab miegħu l-bini, l-imħatri, l-emigrazzjoni li**

# l-intervista kont...

**għamlet sinjuruni ċerti wħud), inklużi l-vizzjijiet, tan-nies tar-raħal. Dan isaħħaħ il-fatt li hu fid-dmir tal-kittieb li jinvolvi ruħu f'*issues* ta' natura soċjali. Xi tgħid dwar dan?**

F'dan ir-rumanz nikteb dwar l-ambjent li trabbejt fih, fejn in-nies magħrufin iżjed bil-laqam, fejn l-għelieqi qegħdin hemm biex tgħaddi minnhom u fejn xejn qatt ma jinbidel. Huwa l-ambjent li fl-ewwel snin tiegħi bħala Malti ta' barra sikwit sibt ruħi naħseb fih. Dan il-ktieb hu frott dak il-ħsieb. Fl-opinjoni tiegħi d-dmir ta' kittieb hu li jirrakkonta storja b'mod tajjeb. Madankollu jekk kittieb ikollu xi jgħid dwar ċerti temi soċjali, huwa normali li jispiċċa jgħidhom – direttament jew indirettament – f'kitbietu. Jgħidu li biex tkun taf l-opinjoni ta' kittieb dwar xi tema soċjali m'hemmx għalfejn taqra wisq intervisti miegħu. Li għandek taqra huma kitbietu.

**Min-naħa l-oħra f'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* naqraw 29 rakkont qasir ambjentati kemm Malta (iċ-ċokon) kif ukoll fi bliet differenti fl-Ewropa (il-ftuħ u l-kobor). Huma wkoll rakkonti moderni li jqiegħdu lil-letteratura Maltija f'dimensjoni metropolitana u li juru kemm l-ilsien Malti jista' joqgħod tajjeb għal kull ambjent, sitwazzjoni u karattru, ikun fejn ikun, ikun min ikun. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Ir-rakkonti f'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* ma bdejtx niktibhom bil-ħsieb li nippubblikahom fi ktieb. Kien iżjed esperiment li għamiltu għall-gost kull meta sibt ħin noħloq storja dwar emozzjoni partikolari. Kienu l-ewwel snin tiegħi bħala Malti ta' barra u matulhom apprezzajt aktar il-versatilità tal-Malti u, fuq kollox, il-wens tal-melodija tiegħu. Jien u nikteb dawn ir-rakkonti kont nieħu gost naqrahom b'vuċi ftit għolja biex inħalli r-ritmu jiggwidani. Qatt ma sibt diffikultà nesprimi lili nnifsi bil-Malti, ikun x'ikun l-ambjent li nkun qed nitkellem dwaru.

**Kemm huma importanti l-ispazji (ir-raħal, Malta u lil hinn) li tambjenta fihom l-azzjoni tan-narrattiva tiegħek?**

Kultant l-ispazju huwa kruċjali daqs karattru ewlieni, b'talimod li l-istorja tkun marbuta miegħu, tgħix minn fuqu. Għandi stejjer, pereżempju, li ma tistax tambjentahom fuq gżira ċkejkna. Hemm oħrajn, li ma tistax ma tambjentahomx f'post ċkejken u maqtugħ. Hemm imbagħad novelli – fosthom l-iżjed riċenti tiegħi – fejn l-ispazju huwa mentali u jekk l-istorja hix isseħħ f'belt enormi jew f'raħal ċkejken, ma tagħmel l-ebda differenza. Ħafna mill-karattri tiegħi huma nies li jivvjaġġaw u li x'ħin jieqfu jduru jibdew jippruvaw jiskopru aħjar lilhom infushom.

***Riħ Isfel* hu rumanz li għandu xejriet mid-*detective story*. Il-final huwa differenti milli wieħed kien jaħseb u b'hekk inti jirnexxilek tidħak bil-qarrej. Dan ikompli jikxef is-sengħa tiegħek ta' kittieb intelliġenti. Xi tgħid dwar dan?**

Niftakar li fi tmiem dak ir-rumanz kelli – kif probabbli jkollu kull kittieb – bosta għażliet. Xtaqt nieqaf fil-mument fejn in-nies qed tippremja lill-ħażin, b'applaws simboliku. Ridt inħalli lill-qarrej jaħseb dwar x'seta' fil-fatt ġara wara. Meta ġejt biex nadatta dan ir-rumanz għat-televiżjoni, il-pressjoni biex it-tmiem jagħti iżjed sodisfazzjon lit-telespettatur kienet kbira u allura għall-iskript televiżiv żidt kapitlu ieħor li fih għażilt waħda mill-



possibbiltajiet – dik li gidba tibqa' tħuf warajk u iżjed ma jkun żgħir il-post iżjed hemm ċans li ssibek.

**F'*Riħ Isfel* il-kliem ħażin huwa ftit ħafna, anzi rari, u dan jintuża biss fi ftit waqtiet meta l-personaġġ ikun irid jesprimi rabja jew jagħmel enfasi ta' xi tip. Il-kliem baxx hu għażla li tista' ddarras lil ċerti qarrejja, imma fl-istess ħin jirrifletti ċerta realtà li ma tistax twarrabha. X'taħseb?**

Ma tistax tikteb dwar miżbla u ma tirreferix għar-riħa tinten. L-istess fid-djalogu. Ma tistax tikteb, pereżempju, djalogu kemm jista' jkun awtentiku f'każin tal-futbol bla ma tippermetti lil ħadd iżellaq kelma baxxa. F'*Riħ Isfel* il-kliem baxx użajtu fejn ħassejt li kien importanti li jkun hemm.

**F'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* inti toħroġ bħala osservatur akut u b'saħħtu fid-deskrizzjonijiet tiegħek bla ma qatt tesaġera li ddejjaq. Liema element huwa l-iktar importanti għalik meta tikteb: id-djalogar, id-deskrizzjoni, ir-riflessjoni, jew taħlita intelliġenti ta' dan kollu u iktar?**

Jiddependi x'tip ta' storja tkun qed tikteb u minn liema perspettiva. Meta nikteb fl-ewwel persuna ta' spiss nitfa' iżjed piż fuq ir-riflessjoni għax bħala kittieb inkun magħluq f'moħħ in-narratur. Madankollu l-għan tiegħi bħala kittieb huwa dejjem li lill-qarrej inżommu fl-istorja, isegwi dejjem l-azzjoni prinċipali u allura nipprova nuża dak li hemm bżonn biex inżomm il-kitba mexxejja.

**Mix-xogħlijiet li ppubblikajt liema huwa l-iktar għal qalbek u għaliex?**

Kull ktieb huwa għal qalbi għal raġunijiet differenti. Iż-żewġ ġabriet ta' stejjer qosra huma partikolarment għal qalbi għax huma mimlija b'karattri li nissimpatizza magħhom u kważi kull rakkont ifakkarni f'mument partikolari li ngħożż. Jekk ikolli nagħżel wieħed, nagħżel l-aħħar ktieb – *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* – anke għaliex huwa l-ewwel ktieb tiegħi tradott f'lingwa barranija u llum l-aktar ktieb tiegħi li vvjaġġa.

**Is-sena 2014 ratek bħala rebbieh tal-Premju għal-Letteratura tal-Unjoni Ewropea. Kif ħadtha aħbar bħal din u x'opportunitajiet toffri lil kittieba bħalek?**

Il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura huwa opportunità sabiħa għal-letteratura tagħna biex tesponi iżjed ruħha. F'kull pajjiż li żort b'rabta mal-premju dejjem iltqajt ma' udjenzi interessati ħafna fil-Malti u fil-letteratura tagħna. Il-premju jħajjar djar ta' pubblikazzjoni barranin jittraduċu u jippubblikaw il-ktieb rebbieħ permezz ta' fondi Ewropej. Jippermetti wkoll lill-kittieb jiltaqa' ma' udjenzi barranin u jaqsam kitbietu. Huwa premju li għandu jimmotiva u jistimula iżjed il-kittieba u lill-pubblikaturi Maltin.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

L-għan ta' kull kittieb hu li jikteb. U allura nittama li fil-futur ikun hemm kotba oħra. Bħal ħafna oħrajn, nixtieq li niddedika iżjed ħin għall-kitba.

**ĦAJKU**

**Riesqa l-Għarusa**

Is-siġar tal-lewż
ferrxu n-nwar għall-għarusa …
riesqa r-Rebbiegħa.

**Il-Pjanu**

Abjad u iswed
wiċċek. Elf melodija
tgħanni għal kull lewn.

**Ix-Xemgħa**

Jixraqlek l-abjad,
b'qalb ħamra nar. Ħasra li
toqtlok l-imħabba!

**Ix-Xwejjaħ**

Taqra ġrajjietu
imħaffrin f'tikmix wiċċu;
ix-xwejjaħ ħiemed.

**LINA BROCKDORFF**

Charles Bezzina




**WARTIME GOZO 1940-1943 ta' Charles Bezzina.**

Milli nista' nifhem il-*Bank of Valletta* mhux biss jinteressa ruħu li jissokta jagħti servizz lill-klijenti tiegħu waqt li jagħmel l-almu biex iżid l-assi tiegħu, imma qiegħed hemm ukoll biex jgħin il-Letteratura Maltija, din id-darba l-Istorja t'Għawdex lura fi żmien l-Aħħar Gwerra. Dan is-sehem qed jagħtih fil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb li għandna f'idejna u li ħareġ għad-dawl m'ilux.

Il-Poeta Għawdxi Charles Bezzina mhux biss tana għadd sabiħ ta' kotba tal-Poeżija li jinkludu fost l-oħrajn *Triqat Bla Tarf* (1987), *Meta Karab il-Baħar* (1993), *Baħar Solitarju* (1996), *Mewġiet tal-Ħemda* (2002), *Kurrenti Solitarji* (2005), *Meta Siket il-Baħar* (2008), u *Raxx tas-Silenzju* (2012), iżda matul dawn l-aħħar snin qed ikompli fejn ħalla missieru Frank Bezzina, Alla jaħfirlu, u daħal fil-fond tal-ġrajjiet kiebja li ħalliet warajha fuq Għawdex l-Aħħar Gwerra, li għalkemm nistgħu ngħidu li ma kagħbritniex bħalma għamlet lill-gżira otħna, iżda xorta waħda Għawdex messitu l-parti tiegħu li ġabet magħha ħerba u mwiet. Fis-sena 2000, Charles Bezzina mill-ġdid ippubblika flimkien iż-żewġ kotba li kien ħareġ missieru fl-1977 u l-1981 fil-pubblikazzjoni *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943* b'għadd sabiħ ta' żidiet li huwa ġabar wara li qalleb u fela diversi dokumenti. Inkuraġġit mill-mod kif intlaqa' dan il-ktieb, Bezzina ħarat lil Għawdex biex jintervista bosta Għawdxin dwar l-esperjenzi tagħhom tal-gwerra li huwa ġabar fil-pubblikazzjoni *Meta Karbet is-Sirena* li huwa ħareġ fis-sena 2003 u li nqaleb għall-Ingliż disa' snin wara minn Alfred Palma. Fl-2004 Charles Bezzina ppubblika *The Gozo Airfield* li fih huwa jagħtina tagħrif siewi dwar il-mitjar li nbena matul l-'Operation Husky 1943'. Wara ħafna tiftix insibu lil Charles Bezzina jippubblika l-ktieb tiegħu *Il-Vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra* li fil-paġni tiegħu nsibu tagħrif dwar dawk l-Għawdxin kollha li tilfu ħajjithom matul l-Aħħar Gwerra. Ta' natura differenti kien l-aħħar ktieb li ħareġ fl-2012 dwar il-memorji tiegħu ta' tifel li għix fil-Belt Victoria fis-snin sittin.

Issa Charles Bezzina reġa' qiegħed isemma leħnu u jurina x'tiswa l-pinna tiegħu b'dan l-aħħar ktieb *Wartime Gozo 1940-1943: an account of the Bleak years*, li huwa ddeċieda li joħroġ bl-Ingliz biex ikun jista' jinqara minn faxxa usa' ta' qarrejja u li huwa jiddedika lill-vittmi Għawdxin kollha li tilfu ħajjithom fl-aħħar gwerra.

Kif isostni s-Sur Louis J. Scerri fil-kelmtejn li għamel għal dan il-ktieb, kien propju matul l-1942, wara li Malta kienet ilha tara fuq wiċċha sa minn Ġunju tal-1940, li Għawdex beda jġarrab il-kruha tal-gwerra u l-attakki mill-ajru bdew ikunu iktar spissi, anke fuq opri tal-baħar li kienu mezz ta' għixien u provisti għall-poplu Għawdxi. Bosta drabi l-ajruplani tal-għadu kienu jwaddbu l-bombi fuqna biex iħeffu l-piż li kien ikollhom meta attakkati mill-ajruplani tal-RAF. Dan il-ktieb li għadu kemm tana f'idejna dan l-istoriku Għawdxi tal-gwerra, huwa s-sitt wieħed li jitratta l-gwerra u fih insibu għadd ta' ritratti li qatt ma dehru qabel. Il-ktieb jagħti stampa ċara ta' dak kollu li ġara fil-gwerra, tal-attakki mill-ajru, l-imwiet u l-ħsara li ġarrab il-bini. Naqraw kif u fejn tħaffru x-'shelters' u t-twaqqif tal-'Home Guard' li fl-assenza tal-preżenza tas-suldati, kienet tant bżonnjuża fil-każ ta' xi invażjoni. Charles Bezzina jikteb dwar il-waqgħa tal-inġenji tal-għadu, l-istituzzjoni tal-pulizija tal-kosta u d-'Demolition Squad', l-effett tal-gwerra

fuq is-sistema tal-edukazzjoni, it-trasport, il-*Black Market*, ir-razzjon u l-*Victory Kitchens*, il-militar u l-mitjar li kien inbena fix-Xewkija u t-telfa tat-torri Gourgion li kellu jitwaqqa' mhux mill-bombi tal-għadu imma mill-pala u l-imgħażqa tal-alleati, patrimonju imprezzabbli tal-Kavallieri.

Għawdex ta' żmien il-gwerra laqa' fih ukoll bosta Maltin li riedu jaħarbu mill-periklu tal-gwerra fosthom bosta nies magħrufa, flimkien ma' bosta sorijiet u pazjenti mill-isptar Vincent de Paule. Riżultat ta' dan nistgħu ngħidu li f'Għawdex twieldet is-soċjetà tad-duttrina, il-Museum. Kien Għawdex li pprovda lil Malta bi kwantitajiet kbar tal-qamħ biex setgħet iżżomm wieqfa fuq saqajha tikkumbatti lill-għadu li għamel minn kollox biex jeqridha.

Nissuġġerilkom tiksbu kopja ta' dal-ktieb interessanti b'mod speċjali nappella lill-ġenerazzjoni żagħżugħa li ma taf xejn dwar l-aħħar gwerra u s-sagrifiċċji bla għadd li għaddew minnhom misserijietna biex ħallewlna Malta u Għawdex ħafna aħjar fejn isaltnu l-paċi u l-ġid. Biżżejjed tiflu l-qoxra tal-ktieb u taraw dar imġarrfa fi triq il-Mitħna Victoria mill-bombi tal-għadu biex ikollkom idea żgħira minn xiex għadda Għawdex matul żmien il-gwerra jew iżżuru xi xelter imħaffer fil-blat biex ikollkom idea dwar il-ġranet koroh u iebsa li kellhom jgħaddu l-antenati tagħna matul l-attakki mill-ajru. Jalla żmien u esperjenzi bħal dawn ma jerġgħux ifiġġu fuq ix-xefaq ta' pajjiżna, għalkemm fuq l-oriżżont ta' xtutna spiss qed nisimgħu llum b'tant emigranti li qed jitilfu ħajjithom biex jaħarbu mill-ħajja kerha u iebsa li magħha ġġib dejjem il-gwerra!

Kemm għandna għax inkunu grati lil Alla li lilna qed iħallina ngħixu fuq din id-daqsxejn ta' blata fejn ma jonqosna xejn, geddumna fix-xgħir, familji magħquda u x'nieklu bix-xabgħa!

**KAV. JOE M. ATTARD**
**Victoria Għawdex**

**MAT-TFAL**

Mingħalina li rfinajna
għax m'għadniex nużaw is-swat.
Mat-tfal tagħna sirna nafu
nevitaw anki l-għajjat.

Imma mbagħad fid-debulizza
meta naqgħu għall-ġibdiet
it-tfal tagħna jbatu l-aktar
f'nofs il-piki u l-firdiet.

**EMMANUEL ATTARD-CASSAR**

**GĦADA**

Ilbieraħ tar u mar,
u miet u nħall mal-aħmar
li pinġa wiċċ is-sema,
Fil-għaxija…
u miegħu għebet
biex ma terġax lura
it-tama, f'qalb li drat,
jum wara l-ieħor,
iġġarrab it-tbatija!

Illum inħallu id-deh'b u r-roża
u saru biss l-isfond
għas-sħab bajdani,
li nesa ġa l-għasafar
li ħawfu 'l hemm igħannu kiebja
fuq oċejan imqalleb!

U għada,
ruħi terġa' tistenbaħ,
biex terġa' terda' l-ħajja min-natura,
mill-għanja ta' għasfur,
mill-ħars ta' ħniena,
mid-dmugħ ta' warda,
itfewwaħ minn ħmuritha!

'Mma għada jkun bħal-lum
u jkun bħall-bieraħ,
għalmin il-ħajja hija biss tagħbija
t'elf xewqa mhux maqtugħa,
ta' salt ħolm fieragħ
li jtir mar-riħ milbus il-parodija!

**ALFRED PALMA**

# ir-rakkont

Nathan Attard



***IMQAR IMXIET FUQ L-EŻEMPJU TAGĦHA!***

Illum ninsab trankwill u seren – lil hinn mill-inġustizzji, ġlied u dwejjaq. Ninsab ferm imbiegħed minn kull ħażen, qerq u niket ta' dik l-imxajtna dinja. M'ilnix wisq hawn, ma nafx kemm eżatt, iżda l-ħin huwa insinifikanti hawn fuq. L-għaġla sfrenata biex tlaħħaq mar-rutina ta' kuljum ma teżiżtix. Mhux li kien, ommi kellha nitfa minn dan il-ferħ f'qalbha qabel m'għamlet dak li għamlet. Teħdunix ħażin, ma nibdel din il-paċi li qed inħoss ma' xejn, iżda kultant nistaqsi wasaltx kmieni wisq f'dan il-punt ta' kuntentizza.

Jekk illum ninsab ferħan, il-mixja għal dan il-punt kienet imħarbta mhux ftit. Tnissilt f'ġuf ommi għall-ħabta ta' Ġunju (*sa fejn naf jien*), u ovvjament ommi ma indunatx bil-preżenza tiegħi mill-ewwel, iżda ma damitx wisq, tafux. Kien ilni nimraħ f'dak l-imbierek ġuf għal xi tliet ġimgħat meta f'daqqa waħda ħassejt lil ommi tifraħ ferħ li qatt ma rajtha tifraħ f'dawk il-ftit ġimgħat li kont ilni nafha! Kemm bkiet bil-ferħ malli rat dawk iż-żewġ linji ħomor fuq il-*pregnancy test*! Niftakarha tirringrazzja lill-Mulej ta' dak li kienet se tesperjenza. Imma sewwa jgħidu li x-xitan m'għandux ħalib! Il-mamà damet tifraħ sakemm ġie missieri lura mix-xogħol. Bl-innoċenza kollha, ommi marret tiġri sabiex tagħtih l-aħbar li suppost kellu jithenna biha, imma ġara totalment il-kuntrarju.

Nista' ngħid li għall-ewwel darba f'*"ħajti"* kont imwerwer! Ħlief għajjat u ġlied ma smajtx dik il-lejla. Apparti l-litanija ta' dagħa li qal missieri dakinhar, kien qed jagħti l-ħtija tal-eżistenza tiegħi lil ommi, ja purċinell!

"Int qed tiġġennen jew?! Għidli li qed titmejjel bija Marì, ċajta tajba din!"
"Issa dawn affarijiet taċ-ċajt John? Hawn ħa *positive*, mhux qed tarah?"
"Le, ma jistax ikun, għidli li mhux veru!"
"Inti se taqtagħha?! Għandna tarbija John, imissek tifraħ, min jaf hux tifel jew tifla! Iġri jas-"
"Agħlaq ħalqek, agħmilli pjaċir! Għidli int, kif se nkomplu naħdmu b'din it-tarbija? U l-*loan* min se jħallsu, ommok jew? *Addio* l-karriera, id-dottorat, il-karozza u d-dar! Int taf kemm iġġib spejjeż magħha tarbija?"
"Xi mod kif inkampaw insibu żgur! Kellek għalfejn iżżeffen lil ommi issa? It-tarbija tagħna t-tnejn  u mhux tiegħi biss, u dan tafu int!"
"Giddieba int! Jien ilni ngħidlek li ma ridtx tfal mill-ewwel darba li ltqajna! U fuq kollox, kont int li ma kontx attenta u mhux jien! Ja mara sħuna!"
"John, ma nafekx hekk, għaliex qed tagħmilli hekk? Suppost qiegħed tifraħ miegħi tafx!"
"Ara x'se tagħmel b'dik il-qaħbeċ tarbija; eħles minnha!"
"Issa ma tarax, mela ħsibtek qed tilgħab bil-pupi jew?"
"Iddeċiedi, teħles minnha int jew neħles minnkom it-tnejn jien stess."

Imma kemm kelli jkolli missier aħdar u bla kuxjenza! Ja bniedem indannat, żgur li qatt mhu se nsib raġuni valida għaliex kellu l-wiċċ vili jgħid lil ommi biex teħles minni, frott is-suppost imħabba ta' bejnu u l-*"imħabba ta' ħajtu"*.  Annimal u xejn iżjed, lanqas xrara ta' mħabba ma kellu lejn ommi u bil-wisq anqas lejja! Kif tistgħu tissoponu, ommi beżgħet mill-aġir ta' dak il-mostru.  U wara lejl ta' thewdin, mingħajr irqad ta' xejn (*ħassejtha titqalleb lejl sħiħ*), iddeċidiet li ċċempel lil ħabibitha Lynn.

"X'se nagħmel Lynn? Ma rridx neħles mit-tarbija imma lanqas irrid li nispiċċa fil-periklu jien."
"Marija, ħaġa waħda ngħidlek, John jasal u jekk int kont għamja għalih sforz imħabbtek lejh, jien ma kontx. Aħjar tintilef ħajja waħda milli tnejn."
"Int ukoll?! Grazzi Lynn eh, ħsibt li se nsib spalla fuq min inserraħ fik."
"Stenna, jien li qed ngħidlek mhi xejn ħlief ir-realtà li int ma tistax tibqa' taħrab! Li kont minnek nidħol fuq l-internet. Hemm imnejn issib xi ħaġa minn hemm."

Nixtieq inkun naf min ivvintah dan l-internet jien, ħlief spazji għal inġustizzji ma fetaħx, u tiegħi waħda

minnhom. Kif qatgħet minn ma’ Lynn, ommi daħlet fuq sit elettroniku li jittratta l-abort. Ħlief kliem ta’ kuraġġ biex twettaq dak li qalulha tagħmel dawk il-bgħula ma sabitx, u fil-pront ikkuntattjat tabib fi Sqallija biex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Qalilha li l-proċess seta’ jsir biss sakemm t-tarbija tagħlaq it-tliet xhur fil-ġuf. Staqsietu xi jkollha bżonn u qalilha li kull mhi se tkun teħtieġ hija l-kartiera mimlija b’elf u mitejn ewro fi flus kontanti. U bħallikieku kienu qed jiddiskutu ċ-ċiċri u l-karawett, il-mamà u Dr. Russo iffissaw data għall-jum li fih kelli niġi maqtul.

Għadda xahar. Qabdet l-ajruplan u telqet. Erbgħin minuta biss kellha tkun id-differenza ta’ bejn pajjiżha u l-post fejn kellha tmur biex teħles minni. Waslet għall-ħabta tat-tmienja u għad-disgħa u nofs kienet tinsab bilqiegħda, tistenna sabiex tagħmel dak li kellha tagħmel f’qasir żmien. Neżżgħuha, libbsulha biċċa libsa rqiqa u l-proċess misħut beda. Tawha l-loppju biex żgur ma tkunx konxja minn dak li kienu qed jagħmlulha u forsi twaqqaf kollox. Minnufih, f’kemm ilni ngħidlek, bdew billi tawni injezzjoni u f’radda ta’ salib ma kontx naf x’inhu jiġri madwari. Imbagħad bl-istrumenti u l-għodda li kellhom, biċċruni u ġabuni trietaq bħallikieku kienu qed jilagħbu ma’ xi biċċa għaġina. Għaxar minuti kulma riedu, għaxar minuti biss biex joqtluni kiesaħ u biered.

Kif diġà għidtilkom, illum tant ninsab kuntent li ma rrid inbiddel dan l-istat ta’ ferħ ma’ xejn! Imma min jaf kieku Alla nissilni f’ġuf mara li kien ilha tipprova għat-tfal għoxrin sena sħaħ? Żgur li ma kienx jiġri dak li ġara! Min jaf forsi kieku kont nitrabba fi ħdan omm u missier li jafu joffru mħabba u dedikazzjoni lejn binhom. Ma nafx jekk indunajtux, imma ommi kien jisimha Marija. Iva, Marija, bħal dik it-tfajla safja, immakulata u bla dnub li welldet iben li kellu jsalva poplu sħiħ. Imqar... jaħasra, imxiet fuq l-eżempju tagħha ommi, min jaf forsi kieku kont inkun utli għal din id-dinja jien ukoll! Ovvjament dan ma stajt nagħmlu qatt ġaladarba jien ħajja m’għixtx, iżda jekk b’kitbieti mqar inwassal omm waħda biex tinduna bl-iżball li għamlet ommi u ma tmissx mal-abort, inkun ilħaqt l-għan tiegħi!

**(Rakkont miktub minn Nathan ATTARD, Kulleġġ De La Salle)**




**DIZZJUNARJU BILINGWI GĦAL MIN QED JITGĦALLEM U GĦALL-PERSUNA EDUKATA TAS-SEKLU 21**

*The English-Maltese Dictionary for the 21st Century* ta’ Charles Briffa huwa ppreparat speċifikament bi stil aċċessibbli għal min juża l-Malti Modern f’kuntatt ma’ testi bl-Ingliż, għal kull min xogħlu hija l-kelma. Huwa għalhekk volum għall-professjonist, għat-traduttur, għall-edukatur, għall-istudent, għall-ġurnalist, għall-kittieb kreattiv, għall-politiku, għal min jaħdem fil-qasam tar-riklamar, għall-fanatku tat-tisliba, u għal dawk kollha li jużaw il-Malti Modern u jixtiequ jsibu l-kelma adatta għal terminu bl-Ingliż, u li ħakmu r-regoli tal-Malti u tal-Ingliż, u akkwistaw ammont suffiċjenti ta’ vokabolarju li bih ikunu jistgħu jifhmu ż-żewġt ilsna. Huwa mmirat għall-bilingwi Maltin li jixtiequ jiżviluppaw iktar l-għarfien ta’ kif il-kliem jintuża u x’ifisser, u ta’ għajnuna prattika kbira fl-għażla tal-aqwa forom u joffri lil dak li jkun għalqa wiesgħa ta’ derivati, l-aktar f’dak il-waqt meta ma nsibux il-kelma adatta f’kuntest prattiku. Insibu listi ta’ kliem kurrenti, kliem ġenerali, termini speċjalizzati, derivati, kliem kompost, espressjonijiet idjomatiċi u frażijiet verbali, li l-qarrej jista’ jiltaqa’ magħhom fil-komunikazzjoni ta’ kuljum u f’materjal formali u informali. Hu dizzjunarju li jifrex mill-użu standard tal-lingwa għal dak li hu kollokjali u *slang*. Insibu wkoll tagħrif dwar il-funzjoni grammatikali, u definizzjonijiet li huma ċari u diretti. Hu dizzjunarju li jieħu bis-serjetà l-ekwivalenza fil-qasam tat-traduzzjoni. Għalhekk bosta drabi jingħataw forom alternattivi biex jipprovdu lill-qarrej il-lussu tal-varjetà lessikali. Apparti dan il-vokabularju tal-individwu jiġi mogħni minn distinzjonijiet bejn tifsiriet differenti tal-istess kelma. *The English-Maltese Dictionary for the 21st Century* jinkludi wkoll erba’ appendiċi ta’ valur partikolari għat-traduttur. Dan hu dizzjunarju li jagħtina viżjoni bbilanċjata tal-Ingliż u l-Malti kontemporanji, f’rabta sħiħa mal-bżonnijiet moderni.

# ritratt

## Victor V. Vella



*Victor V. Vella, li jgħix l-Awstralja ppublika diversi kotba bil-Malti fosthom, GĦERUQ, WERAQ u WARD, tliet kotba biex tgħallem/titgħallem il-Malti bħala t-tieni lingwa, IL-FESTA TAL-ĦUTA, ġabra ta' stejjer oriġinali, KONFERENZA STAMPA , serje ta' monologi għall-palk, ippublikat bħala c.d., u diversi c.d.'s oħra.*

Kien ilni naraha fil-vetrina minn meta twelidt. Kienet ma' ħamsa oħra bħalha u daqsha eżatt, kollha miġburin madwar *teapot* bl-istess disinn, donnhom flieles imdawrin ma' qroqqa. Qatt ma tajt kasha speċjali, bħal meta ħaġa tolqtok għall-ewwel darba, tara li ma tistax tmissha u tħalliha f'postha u taħbat tinsieha. Imma bħal fatta, meta kultant kont inħares lejha u nsibha fl-istess post hemm imwaħħla mal-ixkaffa kienet tagħtini ċerta sigurtà u kont inħoss li la għadha hemm fil-post tagħha tas-soltu qalb il-ħafna 'ġojjelli' oħra, ħadd ma jista' għalija!

Kienet kikkra, waħda minn sett ta' sitta. X'aktarx li kienet magħmula l-Ingilterra, imma ż-żmien għadda u ħa miegħu l-iskrizzjoni b'kollox. Id-disinn ta' madwarha għadu hemm: dghajsa bi tlett iqlugħ, wieħed isfar u t-tnejn ta' wara ħomor, poġġuta f'daħla żgħira, b'siġra fuq ix-xelleg u bi ftit djar b'isqfa ħomor kemm kemm jidhru fil-bogħod. Id-dawl mitfi ġej mix-xemx li ma tidhirx għax niżlet wara l-għoljiet u ħalliet ċerta ħmura li biddlet il-kuluri ta' kollox b'ċerta ħmura li x-xemx biss taf tħalli.

Kellha ż-żmien: ommi kienet tgħidli li s-sett kien rigal tat-tieġ meta żżewġet lil missieri. Meta qasmet il-baħar u waslitli f'pakkett kollu tajjar mat-taqgħida l-oħra, x'ħin qbadtha b'idi bqajt skantat u ħassejt bħal demgħa ġġelben ma' ħaddejja. Poġġejtha fuq tavolina u donnha bħal Pinokkju, stħajjiltha bdiet titkellem u tgħid ġrajjitha…

Bħal din il-kikkra, ommi kienet dejjem hemm, le mhux fil-vetrina, imma fil-kċina tqaxxar il-patata, jew taħsel l-art jew il-ħwejjeġ, jew ukoll barra fuq banketta tagħżel is-suf u tagħmlu ħjut lest biex naqra ta' ganċ żgħir, tagħmlu lożor jew xi xall għall-festa. Għall-festi kellha fid-demm… biex iżżanżan xi libsa sabieħa u eleganti, u toħroġ tiltaqa' man-nies u tgħid erba' kelmiet bħalma kienu jħobbu jagħmlu. Fil-festi, aħna ta' tfal li konna, konna ngħidu: "Il-lejla brodu..!" Kienet titfa' biċċa ċanga ma' karfusa u nitfa kunserva u tħalliha tagħli sa ruħ ommha għax… fil-festi wara l-ikla jew pranzu ta' nofsinnhar, it-tisjir kien jieqaf … ħlief il-brodu jagħli u jbaqbaq fuq l-ispiritiera imnewnijha ta' bi tlieta…

Biex tiġri kellha seħer u kienet dejjem issib fejn tmur, daqqa sa Għajn Żejtuna biex tlaqqat quffina melħ abjad li kien jinżel għasel fuq xi bukkun bil-ħobż u biż-żejt, daqqa ma' xi pellegrinaġġ tax-Xirka jew għal xi xirja l-Belt. Li taqsam il-fliegu u tmur Għawdex kienet okkażjoni ta' kull sena jekk mhux ta' darbtejn fis-sena u x-Xlendi u ta' Pinu kienu l-iktar postijiet li kienu jogħġbuha. Għadni naraha teħodha ma' *driver* ta' taxi għax dehrilha li talabha ħafna iżjed mis-soltu u ħsibt li se terġa' tibda t-tielet gwerra dinjija! Qatt ma kont bsart li taħt dik il-faċċata u wiċċ kwiet u l-biċċa l-kbira manswet, kien hemm ukoll dak in-nar jew polvli li ma ridux wisq biex jesplodu!

Bħal ħafna ommijiet Maltin, għall-indafa kienet fitta imma ma kinetx tiffitta fuqha. Il-madum kien dejjem ileqq u kellha riċetta sħiħa kif tipprepara t-taħlita tal-ilma biex taħslu. Meta darba, ma kinetx għadha tiflaħ u xi ħadd issogra jaħsel l-art u ġie imdennes , kien hemm episodju ieħor li ma tantx kien sabiħ. L-istess meta konna xtrajna l-ewwel *washing machine*, ma nafx x'ma qalitx kontra tagħha: li tkisser il-buttuni, li taħli ħafna ilma u li dak it-tidwir kollu therri l-ħwejjeg li tagħtiha. U baqgħet baqgħet sakemm tatha daqqa ta' sieq, għattietha b'liżar biex tibqa' sħuna, u kompliet togħrok il-bojod, tagħmilhom dik in-niskata blu ħalli toqtol dik is-sfurija u tgħallihom fuq l-ispiritiera tal-istim.

Imbagħad x'ħin tniżżilhom minn fuq il-bejt tgħidlek: Ara ħa kemm ġew sbieħ u bojod. X'maxin , maxin!. Donnha li r-rivoluzzjoni industrijali għaliha ma kinetx għadha bdiet, u mingħajrha kienet tgħaddi bħalma kienet tgħaddi għall-*washing machine*.

Ma tantx kienet tgħid wisq imma kultant kienet toħroġ b'xi sentenza li kienet tolqtok u tħawdek u tħallik taħseb jekk tagħmilx sens. Bħal meta kienet tnaddaf kullimkien, iġġerri l-purtieri tal-loġoġġ u tibqa' tara xi raġġi ta' dawl. Kienet tħobb tgħid: Kemm nixtieq nagħlaq fid-dlam ħalli nara n-nadif! Jew, "Jiena sejra għax delwaqt jiġu…" , u tkompli sejra bit-tpaċpiċ tagħmel nofs siegħa oħra tara ftit kif sejra l-biegħa!

Wara xi xirja u speċjalment meta kienet tara kemm flus nonfqu daż-żmien kellha ħabta tgħid: "Daż-żmien, il-flus bħall- ... u żżid kelma li kienet imżewqa imma mhix sabieħa wisq biex tgħidha jew tiktibha. Din il-kelma kienet ukoll tkompli xi sentenza bħal "Mhux kapaċi …" għal xi ħadd li mingħalih laħaq is-sema u ma kienx jistħoqqlu.

Kienet kaptan li għaddiet minn ħafna mewġ imma l-ebda waħda ma beżżgħetha u kompliet sejra bil-ħajja tagħha u tagħna. Kienet tifhem li l-ħajja titbiddel u saħansitra aċċettat il-fatt li kelli nħalliha biex naqsam il-baħar u nibda ngħix eluf ta' mili l-bogħod minnha…

Kont inħobb nittantaha u ngħidilha: "Ma, meta se nieħdu belgħa te fil-kikkra tal-qlugħ?" Kienet tgħidli ," Xi darba noħroġhielek u nagħmlu festa." Ix-'xi darba' ma waslitx . Jew aħjar waslet wara ħafna snin u għaxart elef mil bogħod. Il-kikkra bil-qlugħ b'kollox kienet f'idi: li kienet nieqsa kienet…. ommi.




**SUNETT NRU. 18**

Mela ma' jum tas-sajf se jkolli nqabblek?
Int bil-wisq isbaħ, aktar irżin minnu:
rjieħ rozzi jħabbtu r-rimjiet sbieħ ta' Mejju,
u jiem is-sajf tassew li qasir żmienhom.

Waqtiet wisq taħraq tiddi għajn is-sema,
imbagħ'd arah jitgħammex wiċċu mdieheb;
u xi daqqiet ġmiel jasal jitfi ieħor,
bil-biex, jew ħajr għall-fitla tan-natura.

'Mma s-sajf tiegħek dejjiem qatt ma jintefa,
la sejjer jitlef xejn mill-ġmiel li jżejnek,
la l-mewt tiftaħar li passejk se ddellel,
meta fi vrus eterni fiż-żmien tikber.

Sa l-bniedem jieħu n-nifs jew l-għajnejn jilmħu,
hekk vrusi jtulu u jagħtuk il-ħajja.

**WILLIAM SHAKESPEARE**
**(minn *WILLIAM SHAKESPEARE - IS-SUNETTI*, Traduzzjoni ta' Alfred Palma, Wise Owl Publications, 2010)**

# il-poeżiji

**L-GĦARIX JEW GIRNA TIEGĦI**

Fil-qalbha tal-għalqa,
il-bidwi jibni girna, jew għarix
biex fiha jistkenn
jekk ix-xemx tagħmel bih,
jew jistrieħ,
meta l-għejja tbattieh,

Anke jien għandi girna,
jew għarix,
fejn nistkenn meta jriegħed,
fejn nistrieħ meta ngħejja,
jew insib min jifnini,
bl-inkejja.

L-għarix jew girna tiegħi,
hija l-qalb ġeneruża
li magħha nitħannen,
il-qalb li tfissidni,
meta nfittex is-sliem.

L-għarix jew girna tiegħi,
hija l-qalb fejn jindifen in-niket
u jinxef id-dmugħ,
il-qalb fejn inferragħ il-mirra,
biex insib il-ħlewwiet.
Hi l-qalb ħanina tiegħek,
għax fiha, bik u miegħek,
inħossni fis-seba' smewwiet.

**CHARLES MIFSUD**

**U LANQAS BAQA' TFAL FIR-RAMEL JIBNU**

U lanqas baqa' tfal fir-ramel jibnu
kastelli jisfidaw il-mewġ tal-baħar,
b'ilbies ħafif in-nisa seduċenti
biex tibqa' tħares għandek l-isbaħ kuża.
Il-gawwi ma jirgħax qalb dawn l-iskolji
taħt xemx li tmur tistaħba wara x-xefaq,
F'għajnejk ma nibqax nara kwiekeb jgħumu
u naqra l-poeżija f'wiċċ il-baħar.
U toqgħod tlissen kliem ta' mewt u ħajja.
Tal-fwieħa u tal-uġigħ li taf l-imħabba
lil hinn minn dawk għajnejk m'hemmx ħlief kanċelli
jekk tħares il-quddiem: dinja battala.

Staqsejtek jekk tridnix interraq miegħek,
staqsejtek jekk humiex dawn il-konfini,
staqsejtni jekk għadnix naħlef u nemmen,
ma weġibtekx: u smajtek tgħid li tħobbni.

**ALFRED GRECH**

**ĦRAR**

F'xita tal-ħamrija
wara ħġieġa mtappna,
fi sħaba daħna tas-sigaretti,
tidher mara f'siġġu jitbandal
tqaxxar il-minuti felli felli,
tgiddem id-dwiefer f'nofs qamar,
tisma' kant gregorjan,
tistenna t-tielet siegħa
ttambar f'qalb ċuqlajta
li donnha ma tridx tieqaf.
Titriegħed bis-siringa,
idha mgħaffsa b'ċinga
qed tisgħol f'dik id-daħna
li qed nibilgħu aħna.

**AMANDA BUSUTTIL**

**L-ERBGĦA 14 TA' ĠUNJU 1995**

tfajliet somor
tfajliet sbieħ
frott ix-xemx ta' Malta tagħna
ilbsu
inżgħu
bla tinsew fuq raskom tpoġġu
tar-rand kuruni jħaddru
rand imxarrab fl-ilma baħar
dak il-baħar li jdawwarna

idħku
aqbżu
iżfnu
duru
fawru qlubkom bl-hena ħelu
taż-żgħożija
għax dalwaqt jinstemgħu jidwu
t-tokki tqal
mill-kampnar
illi jħabbru
nofsinhar

**ALFRED MASSA**
**(minn *Diwi fil-Maqdes*, 2000)**

# il-poeżiji

**IL-BRIMBA TAL-PUNENT**

F'qalbet din l-għanqbuta
tal-eterosoċjali
hemm brimba
tinseġ l-imma
tal-kaos industrijali.
Tinħall f'żirġet ix-xemx
tal-jum elett
f'nofs ġimgħa,
ħidma mġiddma
jsakkruha f'gabinett.
Ħajjitha tnissel tama
tal-għola kwalità
fost l-għagħa
u ċ-ċerimonji
tisplodi d-dinijtà.

**JOSEF BORG**

**GĦALIEX?**

Illum  lejlet il-Festa,
u l-plejboj tagħna dam quddiem il-mera siegħa
jippittura qabel lesta.
Fuq sidru sprejja fwieħa u għamel b'reqqa kbira xagħru
ħalli jiżgura li darbtejn iħarsulu n-nisa li jista' isib madwaru.
B'dik 'n-nofs tbissima ta' ċertezza ftit mitfija
rikeb kollu ksuħat fil-Mersedes tiegħu
u rħielha għall-ħarġa tassew mistennija.
Biex iqatta' l-ħin bħas-soltu
jiċċaċċra u jitħanxel ma' xi barranija.
U tkunx Franċiża 'nkella Russa,
kerha jew sabiħa,
jitpaxxa biss bil-ħsieb
li s-sodda tinbidillu f'mappa sħiħa!
Ma jimpurtax li se jinftiehem bl-Ingliż imfarrak mas-stranġiera,
l-aqwa li juri mimlija sa fuq nett kartiera
mhix il-problema li qatt ma għamel xi *O level* meta kien l-iskola
l-għaliex fis-sengħa tan-namur diġà ħaqqu diploma!
Imdorri wisq jgħabbi lin-nisa
li erbat ijiem oħra jitilqu mill-pajjiż
u mhux talli malajr l-għada jinsa,
moħħu diġà jkun fl-avventura li jmiss.
Minkejja l-għandu dik l-età
m'huwiex imdorri jgħabbi lilu nnifsu bir-responsabblità.

Il-kaċċa jħobb jibdieha
minn fuq il-gallarija
il-ħin kollu bit-tromba
ħalli se jifli kull dettall
jekk tkun għaddejja xi sex bomba!
Daqs dinja fiha, tal-għeġubijiet,
taċ-ċajt biha f'idejh
tkun proprja għall-osservazzjoni ta' stilel fis-smewwiet!

U jgħaddi s-sajf ma jħabbel rasu xejn
jixxala mat-tfajliet
però xħin tasal xitwa
is-swied għammieq jimlielu qalbu
meta jitbattlu l-ixtajtiet.
Ħabib antik ikunlu x-xorb
li jkompli jżidlu mat-tikmix
għax f'ħajtu ma jibqagħlu l-ebda skop
jistaqsi lilu nnifsu:
"Imm' għaliex?"

**YANA PSAILA**

**SENS TA' ĦELSIEN**

Hemm fil-libertà fl-ajru,
tinsab bħat-tajr tal-ħolqien;
minn hemm mifrux fuq kollox,
biex tagħtih sewwa ħarsien.

Fuq l-art ukoll hemm qiegħed,
fil-beraħ ta' tul immens;
m'hemm xejn li fih ifixkel,
għax qiegħed magħmul bis-sens.

Ukoll fil-baħar tinħass,
bl-ilma li jagħti mistrieħ,
għax il-ftuħ bla għandu  tarf,
iġiegħel ħajja tistrieħ.

L-istess mewt hija ħelsien,
wara tbatija kbira,
għaliex l-uġigħ jintesa;
li teħles, tkun il-mira.

X'issarraf il-libertà;
hi x'ħin bi ksur titlifha,
għax għall-ħaqq tiġi mgħajjat,
kif mal-kmand ixxellifha.

Dal-ħelsien ma jitqabbilx,
għaliex għalih ma hemmx prezz;
hu kullimkien imfittex,
biex dan issibu b'kull mezz.

**JOSEPH BONNICI**

**THE SUNFLOWER**

He always turns
towards one direction
and spurns one direction

He always spurns darkness
always spurns coldness
always spurns ugliness
always spurns evil
always spurns ruthlessness and cruelness

He always turns towards lightness
always turns towards warmth
always turns towards beautifulness
always turns towards kindheartedness
always turns towards peace

He always turns
towards one direction
and spurns one direction

**HSU CHICHENG**
***Iċ-Ċina***

**AGORA**

The place
of personalization of the direct
democracy
and the starting end
of civilization.
Wondering value of try
within the announcement
of disappearance of the species.
Two thousand years
later.
Today.
Us.

**SABAHUDIN HADZIALIC**
***Il-Bosnija-Ħerżegovina***

**A SONG OF PATIENCE**

My nights like stabs
they hurt my thoughts.
Memories – noblewomen
who you want to destroy

for not continue
so to hurt you.
Two words of patience
I ask for escape.

But from where my heart can hold on to,
where my mind to make a trip
when speechless pain
has overcome everything?

When your nights slow flies
and not pass,
when your bitterness like a sister
attends you in silence.

Two words of patience
I look for till dawn but
in life's lexicon
I didn't find even one word.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**A OTTANTACINQUE ANNI**

A ottantacinque anni
è divenuto un bambino.
Si emoziona
per ogni piccolo gesto
per un ritorno dei pensieri
agli amici
di un tempo
alle ore felici,
ai momenti più veri,
agli anni più neri,
per un ricordo mesto,
per un'allusione,
per un silenzio.
Lo commuove un bel film
e persino
uno spot indovinato.
Come un bambino
diventa triste
se viene trascurato.
Nell'eterno
alterno percorso dell'età,
circolo misterioso,
nel figlio,
e forse nel nipote,
sogna la figura del papà.

**AMERIGO IANNACONE**
***L-Italja***
**(minn *L'Ombra del carrubo,* Edizioni Eva, 2009)**

# minn fuq l-ixkaffa




***XBIHAT FUQ IT-TILA* ta' Salv Sammut, Horizons, 2015.**

F'din il-ġabra ta' 18-il novella, b'daħla kritika ta' Frans Sammut bl-isem ta' "Ir-realiżmu ta' Salv Sammut", il-qarrej se jsib firxa sħiħa ta' emozzjonijiet li għajr għal waħda, huma kollha reali fit-tpinġija tal-ħajja ta' kuljum bħalma huma: in-nostalġija għal żmien maħrub, id-diżappunt, it-telfien tal-innoċenza tat-tfulija, l-ingratitudni, il-manipolazzjoni ta' lealtà, ir-relazzjoni projbita u ttraduta, ix-xenqa għal ħajja mitlufa, l-ipokresija, il-qrusa ta' telfa politika, id-diżullużjoni, l-abbuż fuq minorenna, il-marda tal-użura, il-vendetta, l-ispjunaġġ industrijali, il-kisba lura tas-sesswalità u l-altruwiżmu. *Xbihat Fuq it-Tila* jifrex fuq 307 paġni u jiġbor fih novelli li Salv Sammut kiteb bejn l-1968 u l-2005, mela miktubin fuq firxa ta' 37 sena. Fi kliem Frans Sammut, "Uħud mill-pesunaġġi li niltaqgħu magħhom f'din il-ġabra ta' stejjer għandhom laqtiet u bixriet li jixxiebhu wisq mal-karattru tal-kittieb innifsu: jaħsbu fit-tul u fil-ħemda, imxaqilbin lejn romantiċizmu mrażżan u mimsus minn niskata xettiċiżmu mirut miż-żminijiet imqallba u ħorox li lkoll għaddejna minnhom."




***MORE WORDS IN MALTESE* u *FURTHER WORDS & EXPRESSIONS IN MALTESE* ta' Charles Daniel Saliba, 2015.**

Wara li sentejn ilu, Charles Daniel Saliba ppubblika s-serje ta' kotba Malti/Ingliż li ġġib l-isem *Maltese for Foreigners*, din is-sena kompla jkabbarha b'żewġ kotba ġodda oħra. *More Words in Maltese* għandu l-iskop li jgħallem kliem elementari Malti li niltaqgħu miegħu fil-ħajja ta' kuljum. *Further Words & Expressions in Maltese* fih vokabolarju ta' livell intermedju kif ukoll qwiel u idjomi li nisimgħuhom ta' spiss. Iż-żewġ kotba huma stampati bil-kulur u fihom eżerċizzji u attivitajiet li jgħallmu l-vokabolarju u frażijiet Maltin b'mod ċikliku filwaqt li jgħinu lill-istudent jiżviluppa aktar il-ħiliet tas-smigħ, tal-fehim, tal-kitba u tal-qari. Saliba aġġorna wkoll is-CD bl-*audio files* taż-żewġ kotba l-ġodda biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi jaqraw it-testi jew janimaw id-djalogi. Din is-sena Saliba għadu kemm temm l-istudji tiegħu fl-Università ta' Sheffield, fl-Ingilterra, minn fejn kiseb id-dottorat bir-riċerka tiegħu fuq it-tagħlim tal-Malti lill-barranin sponsorjat minn Malta Government Scholarship Scheme Grant. www.charlesdanielsaliba.com




***KATRINA* ta' Lina Brockdorf, Horizons, 2015**

Dan hu rumanz ġdid ta' din il-kittieba msajra fiż-żmien u fis-sengħa tal-kitba, awtriċi kemm ta' rumanzi kif ukoll ta' ġabriet ta' stejjer. *Katrina* jifrex fuq 260 paġna u hu mqassam f'34 kapitlu. F'lejla kiesħa ta' nofs Jannar, f'ħalba xita qawwija, Katrina tkun ħierġa mill-Belt u tlebbet biex taqbad karozza tal-linja għal Birkirkara. Idejha nġazzati, lanqas il-flus ma setgħet toħroġ mill-portmoni. Warajha nies jistennew fix-xita barra mill-karozza... B'dankollu, dakinhar qabel raqdet kitbet hekk fid-djarju tagħha: "Din tal-lejla hija esperjenza ġdida, li nittama ma ninsieha qatt ..." X'kien hemm qed jistenna lil Katrina wara dik il-lejla? L-imħabba għandha ħabta tinbet meta l-inqas tkun qed tistennieha. Iżda x'jiġri meta l-imħabba ssib kollox kontriha? Meta saħansitra jkun hemm fin-nofs ġlieda ħarxa għax tidħol il-politika partiġġjana biex tifred il-familji? Kemm hu veru dak li jgħidu li l-qalb ma tafx b'raġuni għax tirraġuna b'mod stramb u mhux dejjem loġiku? U f'nofs dat-taqlib kollu, xi jsir minn Katrina u mill-maħbub tagħha Philip? Jirnexxilha tibqa' tiftakar u tgħożż dik il-lejla tax-xita ta' nofs Jannar?

# minn fuq l-ixkaffa




***TRANSLATION STUDIES FROM MALTA*, Charles Briffa editur, Malta University Publishing, 2015.**

Dan il-ktieb ta' 250 paġna jservi ta' gwida rigward ċerti approċċi fil-qasam tal-istudju tat-traduzzjoni, bl-ilsien Malti bħala wieħed mill-ilsna in kwistjoni. Juri wħud mill-iżviluppi li seħħew f'dan il-qasam fil-gżejjer Maltin u jipprova jkun ta' relevanza diretta fl-għarfien tal-proċessi tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni. Ktieb bħal dan jipprovdi materjal importanti għal dawn li jixtiequ jkomplu jesploraw din id-dixxiplina multidimensjonali. Huwa ktieb li jittratta l-arti tat-traduzzjoni, l-interpretazzjoni, it-traduzzjoni bħala esperjenza, l-istil tat-traduzzjoni u t-terminoloġija. Kull kapitlu jittratta b'mod profond ċerti kunċetti u kwistjonijiet li jiddefinixxu l-istudji tat-traduzzjoni, u fl-istess ħin jissuġġerixxi oqsma ta' riċerka ġodda. Il-kontributuri huma Victor Bonanno, Charles Briffa (l-editur ta' dan il-ktieb), Rose Marie Caruana, Joseph Eynaud, Oliver Friggieri, Giselle Spiteri Miggiani, Gabrielle Lorraine Torpiano, Clare Vassallo, Paul Zahra,  u Michael Zammit.




***KRITIKA PRATTIKA - NEBĦ KRITIKU DWAR IL-POEŻIJA TA' ŻMIENNA - L-EWWEL VOLUM* ta' Tarcisio Zarb u Andrew Sciberras, 2015.**

Dan hu l-ewwel volum minn tlieta fejn Zarb u Sciberras se jittrattaw kull poeta post-Indipendenza li ppubblika xogħlu. L-għan tagħhom hu li jkomplu jseddqu lil-Letteratura Maltija kif qed jagħmlu numru limitat ta' studjużi llum. Id-differenza hawn hi li Zarb u Sciberras ilaqqgħuna ma' 21 poeti stabbiliti, oħrajn emerġenti u oħrajn li ftit smajna bihom għax ma kellhomx ix-xorti li xi studjuż jikteb dwarhom, mhux għax il-poeżiji tagħhom mhumiex ta' kalibru. Fid-"Daħla" tiegħu Walid Nabhan jikteb li dan hu "ktieb ta' [...] kalibru ta' kritika bbażata fuq it-teorija u r-rigorożità 'xjentifika' skont il-kurrikuli rikonoxxuti tal-kritika kontemporanja. Fejn iż-żewġ kritiċi 'medjaturi' jagħmlu użu eċċellenti mill-għodod u l-veikoli multipli ta' metodoloġiji ta' kif tittratta u anke tikkura, jekk hemm bżonn, lix-xogħol letterarju, dejjem ngħidu aħna, għall-mertu artistiku qabel kollox." Prosit tassew lil Andrew Sciberras u Tarcisio Zarb.




**PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU - IL-ĦADD, 28 TA' SETTEMBRU 2014, Grupp Letteratura Maltija Ink., Parkville 2014.**

Dan il-programm sar biex ifakkar għeluq il-35 sena mit-twaqqif tal-Grupp Letteratura Maltija Ink., li jaf il-bidu tiegħu lil Dr Joe Abela, li serva bħala President tal-istess grupp mill-1979 sal-1984. Bħal kull Settembru l-GLM joħroġ din il-pubblikazzjoni fejn wieħed jista' jaqra x-xogħlijiet li jkunu nqraw waqt l-okkażjoni. Din id-darba nsibu poeżiji kemm ta' stil tradizzjonali kif ukoll ta' stil modern miktubin minn Manwel Cassar, Dr. Victor E. Sammut, Paul Vella, Nazzarenu Zerafa, Josephine Cassar, Frank Bonett, Mary-Louise Anastasi, Publius Bugeja, Michael Xuereb, Joe Bonett u Baldass Arnato. Insibu wkoll rakkont qasir miktub minn Ġużi Camilleri. Interessanti huwa l-fatt li okkażjoni bħal din tgħaqqad flimkien għadd ta' Maltin-Awstraljani li jgħixu f'partijiet differenti bħal Brisbane, Bulla, St Albans, u Preston. F'din il-pubblikazzjoni naqraw ukoll bil-laqgħa li l-GLM organizza biex jagħti merħba lil Dr Adrian Grima, nhar it-13 ta' Lulju 2014. Minn hawn insellmu lill-Maltin tal-Awstralja. Ħajr lil Paul Vella li bagħat kopja ta' din il-pubblikazzjoni.